MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 322/2009

**A B**
**vs**
**Dr. CB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet hekk: il-partijiet izzewgu fis-27 t'Ottubru 1996 u minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal Pio u Tiffany; illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment minhabba sevizzi u theddid da parti tal-konvenut u l-istess konvenut qed jghix ma' mara ohra u li dawn ghandhom tarbija flimkien; illi fil-22 ta' Gunju 2005 il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Robert John Muscat; illi dan il-kuntratt jirregola l-kura u kustodja li hija wahda kongunta u l-access tal-missier ghall-minuri izda dawn mhux fl-ahjar interess tal-minuri u jinhtieg li jinbidlu; illi l-konvenut jhedded li jwaqqaf jew inaqqas il-manteniment tat-tfal jekk l-attrici ma taccettax dak li jkun

irid ibiddel u jwettaq fil-konfront tat-tfal; illi l-konvenut minhabba l-manteniment li jhallas irid kontroll assolut fuq martu u wliedu minkejja li ghandu mara ohra li minnha ghandu wild; illi l-konvenut ingustament jghid li l-attrici ghandha problemi mentali u dan mhux minnu, inoltre qieghed jipprova jghati x'jifhem li Pio, minhabba l-attrici ghandu problemi li jistghu iwassluh ghas-suwicidju, dahhal f'mohh it-tifel incident li jikkoncerna s-suwicidju li kien wettaq hu l-attrici u jbezza lil kulhadd li t-tifel jista' jemula dak l-incident; illi l-konvenut irnexxielu fil-hin ta' l-access idawwar lill-minuri kontra l-attrici billi jimmina d-dixxiplina li tipprova taghmel maghhom ommhom u jaghtihom kull ma jitolbuh; illi l-konvenut qed abbuzat mill-access ampju li jgawdi li huwa ta' saghtejn kull jum li qieghed ifixkel lill-minuri fit-trobbija u fl-edukazzjoni taghhom u qieghed jigi abbuzaw u uzat hazin mill-konvenut, kull darba li l-konvenut irid ibiddel il-kuntratt huwa jhedded lill-attrici li ser johdilha lit-tfal jew inaqqsilha il-manteniment ta' l-istess ulied,  l-attrici tibza mill-aspett dominanti tal-konvenut tant li kellha tirrikorri ghal kors ta' empowerment sabiex tirrezisti dan it-theddid; illi l-kuntratt ta' separazzjoni ghandu jinbidel fil-parti li ghandha x'taqsam mal-access tal-minuri li bhalissa huwa ta' saghtejn kull jum, iraqqadhom mieghu mill-Erbgha ghall-Hamis u f'gheluq il-gimgha iraqqadhom darba ohra, fis-sajf l-access ikun aktar ampju u l-konvenut qed imur kontra l-kuntratt meta qieghed iraqqad lill-minuri go l-istess dar ferjn torqod il-habiba tieghu; illi jkun fl-interess tal-minuri li l-access tal-konvenut ikun limitat fil-hin u taht sorveljanza u dan sakemm il-konvenut jieqaf juza lill-minuri bhala arma kontra l-attrici, il-konvenut qieghed jaghmel hsara lill-uliedu fit-trobbija morali u emottiva taghhom, qieghed jaghmlilhom hsara psikologika u meta l-omm tiddixxiplina lill-minuri huma jghidulha li ser jghidu lill-missierhom; illi l-karattru tal-konvenut mhux normali u lest li jghamel kollox biex jasal fejn irid, jahseb li dejjem ghandu ragun u li huwa dejjem il-vittma li anke hadha kontra s-Social Worker Josette Camilleri mahtrua mill-Qorti u dan peress li hija ma kkonceditx li jiehu lit-tfal minn ghand l-attrici; illi hemm zewg rapporti minn esperti mahtura mill-Qorti li sar u wara li l-konvenut ipprova jhammeg lill-attrici ma' l-awtoritajiet b'mod ingust li ma

kienetx kapaci tiehu hsieb lill-minuri; illi l-konvenut talab l-isfilz tar-rapport ta' Josette Camilleri peress li dan ma jiddikjarax li l-minuri m'ghandhomx jibqghu ma' l-attrici kif ried il-konvenut; illi fil-mori tal-medjazzjoni l-attrici ntavolat rikors sabiex jigi varjat l-access tal-konvenut liema rikors ghadu mhux dekretat u titlob li dan jigi dekretat mill-aktar fis; illi l-konvenut qieghed lura fil-manteniment ghall-ammont ta' €1,879.73 oltre zieda fil-manteniment ta' €17.68 u dan minkejja li kellu bizzejjed flus biex ihallas cruise ghall-habibtu, binha, il-wild li kellu minnha u z-zewg minuri; illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi b'din il-kawza a tenur tad-digriet datat 14 t'Otturbu 2009; ghalhekk qed titlob lil dina l-Qorti [1] tirrevoka il-kundizzjoni numru 4 tal-kuntra ta' separazzjoni tat-22 ta' Gunju 2005 fl-atti tan-Nutar Robert John Muscat u tissostitwixxi il-kundizzjonijiet li hemm fih dwar kura kustodja u access anke billi taghti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa u dan jekk hemm bzonn anke bl-ghajnuna ta' esperti mahtura minn din l-istess Qorti; [2] tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri Pio u Tiiffany tigi fdata esklussivament f'idejn l-attrici; [3] tidbel billi tnaqqas drastikament il-hin tal-access tal-konvenut ghal minuri u tordna li tali access isir taht supervizjoni; [4] tordna li l-partijiet ikunu impeduti milli iraqqdu lit-tfal maghhom f'dar fejn ikunu qeghdin jikkoabitaw ma' terzi tas-sess oppost; [5] taghti dawk il-provvedimenti kollha li jirrigwardaw kura u kustodja u access li jkunu necessarji sabiex i zgurat li l-aqwa interessi tat-tfal jigu slavagwardati; bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut ma jikkontestax l-ewwel paragrafu; jikkontesta l-fatti dikjarati fit-tieni paragrafu fis-sens li l-konvenut qatt ma hedded jew refa' jdejh fuq l-attrici, kienet l-attrici li refghet idha fuq il-konvenut u ghamlet ghalih b'sikkina quddiem il-minuri Pio; il-mara li ssemmi l-attrici hija Carmen Farrugia li l-konvenut sar jafha fl-ahhar ta' l-2004 meta l-partijiet kienu qeghdin jisseparaw u saru intimi f'Novembru 2005 hames xhur wara li gie ppubblikat il-kuntratt ta' separazzjoni; illi ma jikkontestax l-ewwel sentenza tat-tielet paragrafu pero' jikkontesta t-tieni sentenza b'dan illi l-kundizzjonijiet dwar kura u kustodja u access ta' l-omm ghall-minuri fil-kuntratt

mhumiex fl-interess tal-minuri u ghandhom jigi mibdula, ghall-ewwel sentejn wara l-kuntratt il-minuri kienu jghixu mal-konvenut minghajr problemi, il-problemi nqalghu f'daqqa, l-attrici nvokat il-klawzoli tal-kuntratt; ir-raba paragrafu huwa kkontestat mhux minnu li l-konvenut hedded li jwaqqaf jew inaqqas il-manteniment, il-konvenut segwa il-kuntratt f'dak kollu li jikkoncerna t-tfal mhux bhall-attrici li tuza l-manteniment ghaliha personali u hija xhiha mat-tfal billi per ezempju ma taghtix il-flus ta' l-outing ta' l-iskola lit-tfal; illi l-hames paragrafu huwa kkontestat, mhux veru li l-konvenut ghandu kontroll fuq l-attrici, il-konvenut ghandu obbligi u drittjiet fil-konfront ta' l-ulied li jittrabebew f'ambjent tajjeb u li l-manteniment jintuza ghall-minuri, il-kura u l-kustodja hija kongunta u l-mara l-gdida u tarbija li ghandhom flimkien ma ticcentrax u ma jnaqqas l-ebda dritt jew obbligu fil-konfront tal-minuri, l-attrici bdiet tinvoka l-klawzoli tal-kuntratt dwar l-access bhala tpattija meta saret taf li kellu tarbija ohra peress li qabel ma saret taf b'dina t-tqala l-attrici ma kellhiex problema li t-tfal jghixu mal-konvenut; illi l-konvenut jikkontesta l-parti rilevanti tal-paragrafu sitta fis-sens li huwa minnu li hu l-attrici wettaq suwicidju, li aktarx l-attrici ghandha problemi mentali u ma jeskludhiex l-iskizofrenija u li hi u l-genituri taghha jiehdu anti depressants qawwija; il-konvenut jichad li kellem lil Pio dwar is-suwicijdu ta' hu l-attrici u dan ma jirrizulta mill-ebda rapport; it-tifel jahseb li z-ziju tieghu miet f'incident tat-traffiku; il-fatti fil-paragrafu sebgha huma kkontestati, il-konvenut jichad li jipprova jdawwar lit-tfal kontra l-attrici, ir-raguni ghaliex it-tfal ma jridux jghixu ma' l-attrici huwa minhabba li ssawwathom, toqoghod lura fil-flus maghhom u krudelta` mentali, l-attrici titma lill-minuri bhal snacks, pizzez u pastizzi, meta l-attrici ssajjar dan taghmel hafna u jservi ghal tlieta jew erbat ijiem filwaqt li l-konvenut jghati ikel bnin lit-tfal u darba fil-gimgha johodhom MacDonalds, Pizza Hut jew post iehor bhala *treat* izda l-attrici ma tohodomx f'dawn il-postijiet biex il-manteniment tonfqu fuq hwejjeg ghaliha; il-konvenut jikkontesta t-tmien paragrafu fir-rigward ta' l-edukazzjoni dak ta' l-attrici huwa baxx u ghalhekk it-tfal jibbenefikaw jekk ikunu mal-konvenut, l-attrici thossa kontinwament ippersegwitata u dan jidher mill-ahhar zewg sentenzi tat-tmien paragrafu, mhux minnu li l-konvenut sawwat, hedded jew bezza' lill-attrici izda

huwa kien generuz fil-kuntratt ta’ separazzjoni li minkejja li ma kienx hemm il-komunjoni ta’ l-akkwisti taha flat lussuz u manteniment ghaliha adegwat li dejjem thallas; il-paragrafu disgha huwa wkoll ikkontestat, il-konvenut jaqbel li l-kuntratt ta’ separazzjoni ghandu jinbidel billi l-kura u l-kustodja tat-fal tigi fdata lilu u l-attrici jkollha access limitat u taht sorveljanza, l-attrici tghix ma Adiran Vella u meta jkollha t-tfal maghha hija traqqadhom ghandu jew huwa jorqod fil-flat ta’ l-attrici, Pio jghid li darba ra lill-attrici taghmel s-sess ma’ Vella, fis-sajf dina l-Qorti awtorizzat lill-konvenut jiehu lit-tfal vaganza flimkien ma’ Carmen Farrugia, bin Carmen Farrugia u t-tifel taghhom; il-paragrafu ghaxra huwa kkontestat, huwa fl-interess tal-minuri li l-access ma’ l-omm jigi limitat u jkun taht supervizjoni, mhux minnu li l-konvenut qieghed jaghmel hsara lill-minuri izda jissielet biex itaffi l-effetti negattivi ta’ l-attrici, d-dixxiplina m’ghandhiex tkun bi swat selvagg u krudelta` mentali u ghandu d-dritt jghid lit-tfal biex jghidulu meta’ ommhom teccedi l-limit; illi r-rapport ta’ Josette Camilleri mhux professjonali u ghandu jigi sfilzat; it-tnax il-paragrafu huwa kkontestat fis-sens li l-konvenut qatt ma hammeg lill-martu izda ried jistabilixxi l-verita u dejjem mexxa fl-interess tal-minuri; illi l-paragrafu tletta diga` saru kummenti f’dak is-sens; illi l-konveut ukoll intavola rikors li ghandu jigi dekretat peress li Pio jinsab fil-perikolu; il-paragrafu hmistax huwa kkontestat; il-konvenut qieghed jipprezenta kontro-talba; illi l-konvenut jaf personalment bil-fatti esposti; illi l-ewwel talba ghandha tigi milqugha; it-tieni talba ghandha tigi michuda peress li mhux fl-interess tal-minuri izda l-kura u l-kustodja ghandha tigi fdata f’idejn il-konvenut; it-tielet talba ghandha tigi michuda u l-access ghandu jonqos drastikament ghall-attrici u dan ghandu jsir taht supervizzjoni; ir-raba talba ghandha tigi michuda peress li t-tfal ghandhom dritt jghixu fl-istess dar ma’ huhom u peress li l-attrici sikwiet traqqad lill-minuri fl-istess post fejn jorqod Adrian Vella u l-Qorti diga` awtorizzat lill-konvenut jiehu lill-minuri vaganza flimkien ma’ Carmen Farrugia u l-ulied; tilqa l-hames talba; salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant, inserita fil-process a fols. 44 – 51, u li kopja taghhom qed tigi hawn annessa sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici A];

Rat ir-risposta ghal-kontro-talba ta' l-attrici rikonvenzjonata, inserita fil-process a fols. 83 – 87 u li kopja taghhom qed tigi hawn annessa sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici B];

Rat ir-rapporti tas-segwenti:

Social Worker Josette Camilleri Psikologa Carmen B datat 20 t'Awwissu 2009 [Vol. 1, a fols. 11 et seq.]; Psikjatra Dr. Anton Grech datat 13 t'Awwissu 2009 minnu pprezentat fis-17 t'Awwissu 2009 [Vol. 1, a fols. 17 et seq.]; l-avukat tat-tfal Dr. Stephanie Galea minnha pprezentat fil-25 ta' Jannar 2010 [Vol. 1, a fols. 128 u 129]; Psikoterapista Melissa Agius minnha pprezentat fit-8 ta' Frar 2011 [Vol. 2, a fols 388 et seq.]; Psikoterapista David Grillo minnu pprezentat fil-31 t'Awwissu 2011 [Vol. 3, a fols. 476 et seq.]; Social Worker Josette Camilleri minnha pprezentat fl-20 ta' Marzu 2012 [Vol. 4 a fols. 818 et seq.];

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukatessa Dottor Ingrid Bianco ipprezentat minnha fis-26 ta' Jannar 2012 [Vol. 4 a fols. 734 et seq.];

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

Semghet lill-minuri kameralment;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed titlob li din il-Qorti tvarja l-kuntratt ta' separazzjoni billi tafdaha bil-kura

u kustodja tal-minuri, bi dritt t'access favur il-konvenut li ghandu jkun limitat u taht supervizjoni, li l-minuri ma jithallewx jorqdu f'dar fejn ikunu jghixu terzi persuni.

Minn naha tieghu l-konvenut qieghed jopponi ghal dawn il-pretensjonijiet, ghax skont hu dan mhux fl-ahjar interess tal-minuri u intavola kontro-talba fejn talab li huwa jigi fdat bil-kura u kustodja tal-minuri filwaqt li jkun hemm access taht supervizjoni lill-attrici rikonvenzjonata u thassar il-kundizzjonijiet fir-rigward tal-mantiniment tal-minuri.

**Kura u Kustodja u Access**

Illi fil-25 ta' Jannar 2010 Dr. Stephanie Galea, Avukat tat-Tfal, wara li rat li "*t-tfal baqghu jinsistu li x-xewqa taghhom kienet li jghixu ma' missierhom*"[1] waslet ghall-konkluzjoni li "*jkun in kunsiderazzjoni tax-xewqat tat-tfal jekk dina l-Onorabbli tornda li t-tfal ghandhom ighixu ma' missierhom. Pero' l-esponenti umilment tissugerixxi li jekk dan isehh, allura ghandu jkun hemm access regolari hafna ghall-attrici u anke bi "sleepovers" imqar darba fil-gimgha. Dan ghanu jghin lit-tfal sabiex jistabbilixxu relazzjoni ahjar ma' ommhom li wara kollox qatt ma ghamlet xejn biex tweggaghhom u dejjem uriet rispett u imhabba lejhom*"[2]. Illi wara dan ir-rapport gie ordnat li *pendente lite* l-minuri jghixu mal-missier bi dritt t'access favur l-omm bl-istess modalitajiet li gew stabbiliti ghall-missier[3].

Illi l-Psikoterapista Melissa Agius fir-rapport taghha tad-9 ta' Frar 2011 waslet ghall-konkluzjonijiet li:
"*1. Pio and Tiffany are both happy living with their father and do not want to live with their mother.*
*2. Both children seem to want to erase their mother from their lives as if she never existed, children need both parents present and their mother is very willing to work upon their relationship. Although I do not condone parents hitting their children, Mrs. B and I spoke about this*

[1] Vol. 1, fo. 129.
[2] Vol. 1, fol. 129.
[3] Vol. 1, fol. 131.

*and in the recent past both children proved to display disrespectful and provocative behaviour. Nonetheless she is presently well aware that hitting her children is no longer an option, regardless of their behaviour.*
*3. It is evident that the children's behaviour has made their visits with their mother an unbearable experience for all three.*
*4. Further to the above point, the children seem to behave as such, deliberately as reinforcement to their wishes to live with their father.*
*5. Both children are very angry with their mother and this relationship need to be addressed and worked upon.*"[4]
Fejn hija waslet ghall-konkluzjoni li fost ohrajn qalet li "1. *Both Pio and Tiffany continue to live with their father... 3. Although the children want to erase their mother's existence the mother and children together are to attend Psychotherapeutic sessions with a Registered Psychotherapist or Family Therapist to improve their relationship. 4. The children are to do their best at bettering their relationship with their mother.*"[5]

Il-Qorti rat ukoll ir-rapport tal-Psikoterapista David Grillo fejn fil-konkluzjonijiet u rakkomandazzjonijiet tieghu huwa sahhaq li "*Ms. B attends counselling sessions... so that she can work on separating her feelings, beliefs and opinions about the father from those of the children. Ms. B needs to work on listening skills with the children on having the patience and persistence to relate to the children differently even when they trigger her anger. Bracketing off the idea of brainwashing and listening to the children will prove beneficial. It is also important not to "smack" the children as a disciplinary measure and to find better ways to communicate with them. I must say that as long as Ms. B does not acknowledge the children's feelings and opinions, and see them independently of their father, the relationship will not work. That in parallel with these sessions, further attempts be made so that Ms. B is given the chance to relate differently to the minors; in the hope that a relationship can be slowly re-established.*

[4] Vol. 2, fol. 395.
[5] Ibid.

*Having intense contact in this phase will prove detrimental to the children and also to the relationship with the mother*"[6].

L-istess Psikoterapista, David Grillo jkompli jispjega kif l-inkuraggjament tal-missier fir-rigward tal-kuntatt tal-minuri ma' l-omm huwa important, "*In turn, the children need to be encouraged by the father and by a counsellor, not to mention events from the past and to try to establish a better rapport with their mother in the Here and Now. The minors need to be spared details about adult affairs... That Dr. B encourages the minors to attend the meetings with their m other without having to force them*"[7]. Element li dina l-Qorti tikkunsiderah important wkoll huwa "*That the minors are assured that they will not be uprooted, since this constant fear can make them act out with the mother to make sure that they are not separated from their father and their siblings*"[8]. Il-Psikoterapista kien ta l-opinjoni wkoll li t-tfal jibqghu jigu segwiti sabiex jahdmu fuq r-rabja li huma ghandhom.

Illi fis-20 ta' Marzu 2012 is-social worker Josette Camilleri pprezentat r-rapport taghha fejn hija osservat li "*...ir-relazzjoni tat-tfal ma'ommhom m'hiex normali u din il-mibeda zgur illi ser teffetwhom hazin aktar tard fir-relazzjonijiet taghhom. Ghalkemm issa r-relazzjoni bejn l-omm u tfal hija wahda problematika hafna huwa important li ghall-gid tat-tfal jittiehdu l-mizuri kollha li huma posibbli biex is-sitwazzjoni tinbidel u titjieb... l-genituri ghandhom obligazzjoni li mhux biss jaccertaw li t-tfal ikollhom kuntatt pozittiv mal-genitur l-iehor izda aktar important li jinkuraguhom b'mod pozittiv biex imorru. Ghalkemm CB ihoss li ghamel dak kollu li setgha biex it-tfal ikollhom relazzjoni tajba ma'ommhom jidher car illi dan ma sehhx; anzi jidher car li t-tfal aktar ma ghadda zmien aktar daru kontra ommhom. Ghalhekk is-social worker sottoskritta thoss li A u t-tfal ghandhom flimkien jattendu ghand family therapist mahtur mill-Qorti sabiex jigi iccarat ghaliex it-tfal daru daqshekk kontra ommhom u jigu mejuna jergghu*

---

[6] Vol. 3, fol. 489.
[7] Vol. 3, fol. 490.
[8] Ibid.

*jibnu realzzjoni pozittiva maghha. Fl-istess perjodu CB ghandu jibda jattendi ghand family therapist...*”[9].

Illi jidher li bejn iz-zewg partijiet hemm grad qawwi ta’ animosita` fil-konfront ta’ xulxin, illi dina l-animosita` giet ukoll trasmessa lill-uliedhom fejn spiccaw f’konflitt li ilu ghaddej is-snin tant li minghand ommhom it-tfal marru jghixu ma’ missierhom u anqas biss baqghu jaraw lill-ommhom. Il-minuri jaghmlu resistenza qawwija sabiex jaraw lill-ommhom u jibqghu jinsistu li huma jridu jghixu ma’ missierhom.

Illi z-zewg partijiet gabu provi in sostenn ta’ l-argumenti taghhom permezz ta’ xhieda varji u rapport. Minn naha taghha l-attrici tghid li l-konvenut kien abbuziv fl-agir tieghu lejha u kellu relazzjonijiet ma’ nisa ohra waqt li kienu mizzewgin. Il-konvenut isostni li l-attrici ma kinitx qed trabbi lill-minuri b’mod tajjeb u dina kienet ir-raguni ghaliex it-tfal ma riedux jaraw aktar lill-ommhom.

Illi l-Qorti semghat lill-minuri u rat in-nota ta’ l-attrici datat 24 t’April 2013 fejn talbet “*li tinghata kopja ta’ dak l ser jghidu t-tfal sabiex tkun tista twiegeb u dan a bazi tal-principju tal-‘audi alteram parte’*”, illi huwa fl-interess tal-minuri li dan ma jigiex zvelat jekk mhux bil-kunses ta’ l-istess minuri. Illi, wiehed mill-minuri, Pio, ta l-kunsens tieghu sabiex ix-xewqat tieghu jigu ripprodotti, l-istess minuri stqarr li ma jeskludhiex il-possibilta` li fil-futur huwa jahdem fuq ir-relazzjoni tieghu ma’ l-omm.

Illi din il-Qorti tqies ta’ importanza primarja li tohloq bilanc fejn ix-xewqat tal-minuri jigu rispettati u fl-istess hin l-ahjar interess taghhom jigu salvagwardjati. Ghalhekk tikkunsidera li l-unika soluzzjoni f’kaz bhal dan, li huwa tant difficili u delikat ikun li tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri lill-konvenut b’dan li l-minuri ghandhom jghixu mal-konvenut li illum jidher li ghandu ambjent familjari estiz izda sod fejn huwa jghix mas-siehba tieghu, uliedha u l-wild li ghandhom flimkien f’nukleju familjari wiehed. Inoltre, tordna li l-partijiet flimkien mal-minuri Pio u Tiffany

---

[9] Vol. 4, fols. 821 u 822.

jattendu ghal sessjonijiet ta’ terapija ghand Psikoterapist maghzula bi ftehim bejn il-partijiet a spejjez taz-zewg partijiet. Jekk il-partijiet ma jkunux jistghu jaqblu dwar Psikoterapista allura ghandhom jitolbu lil Qorti sabiex tappunta wiehed.

Il-passaport tal-minuri ghandu jinhareg bil-kunsens taz-zewg partijiet u jinzamm mill-konvenut. Kull safra tal-minuri ghandu ssehh bil-kunsens taz-zewg genituri moghti preventivament bil-miktub wara li l-genitur li mieghu ser ikunu ser isiefru t-tfal jghati d-detallji tal-btala lill-genitur l-iehor li jikkonsistu fid-dati tas-safra, il-post jew il-postijiet fejn ser izuru u dettalji tal-lukanda jew post fejn ikunu ser jirrisjedu waqt il-btala inkluz numru telefoniku fejn ikun jista’ jsir kuntatt mal-minuri.

Ghalhekk klawzola 4 tal-kuntratt ta’ separazzjoni tal-partijiet datat 22 ta’ Gunju 2005 fl-atti tan-Nutar Dottor Robert John Muscat ghandha tithassar u minflokk ghandhom japplikaw provvedimenti fil-konfront tal-minuri kif ordnati f’dina s-sessjoni.

**Manteniment**

Illi permezz ta’ digriet datat 20 ta’ Settembru 2011 l-obbligu tal-manteniment tal-konvenut gie sospiz bil-kundizzjoni li hu jhallas l-ispejjez kollha ghall-bzonnijiet ta’ l-istess minuri.[10]

Illi fir-rigward ta’ klawzola 5 tal-kuntratt ta’ separazzjoni tal-partijiet datat 22 ta’ Gunju 2005 fl-atti tan-Nutar Dottor Robert John Muscat, il-manteniment ghall-minuri m’ghandux jibqa’ jghaddi lill-attrici u ghandhom jithassru l-provvedimenti kollha li jikkoncernaw il-pagament li l-konvenut jaghmel lill-attrici fil-konfront tal-minuri, filwaqt li l-manteniment li jikkoncerna lill-attrici ghandu jibqa’ ferm. Ma jidhirx li hemm insistenza dwar li l-attrici tivversa manteniment lill-konvenut ghall-minuri u ghalhekk ghandu jkun il-konvenut li jhallas l-ispejjez kollha ghall-bzonnijiet ta’ l-istess minuri. Inoltre, *Children’s allowance* u

[10] Vol. 3, fol. 512.

kwalunkwe beneficcju iehor in konnessjoni mal-minuri ghandu jigi percepit mill-konvenut.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar l-azzjoni billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba kif fuq stabbilit u ordnat fis-sessjoni ntestata 'Kura u Kustodja u Access';
[2] tichad it-tieni talba;
[3] tichad it-tielet talba;
[4] tichad ir-raba' talba;
[5] tichad il-hames talba;
[6] tilqa' is-sitt talba kif fuq stabbilit u ordnat fis-sessjoni ntestata 'Kura u Kustodja u Access';

Tiddeciedi dwar il-kontro-talba billi:
[1] tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel talba peress li Avukat tat-Tfal gie appuntant waqt is-smigh tal-kawza;
[2] tilqa' t-tieni u t-tielet talba limitatament kif fuq stabbilit u ordnat fis-sessjoni ntestata 'Kura u Kustodja u Access';
[3] tilqa' r-raba u l-hames talba limitatament kif fuq stabbilit u ordnat fis-sessjonijiet intestate 'Kura u Kustodja u Access' u 'Manteniment';

L-ispejjez tal-azzjoni u tal-kontro-talba jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------